MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2015

Talba Numru. 659/2014

**Mobisle Communications Limited**
**C 24655**

**Vs**

**Dianne Farnsworth**
**(Passaport 1018160286GB)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-10 ta' Settembru, 2014 fejn is-socjeta' attrici talbet illi 'l-konvenuta ghandha jhallas lis-Socjeta' attrici 's-somma ta' disa' mija u erbgha u erbghin ewro u sebgha u sittin centezmu (€944.67) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40192872 u A/C40198295 moghtija mis-socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati:

- Dok IZY1 u Dok IZY2 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv ghall-akkont nurmu A/C40192872;

- Dok IZY3 u Dok IZY4 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv ghall-akkont nurmu A/C40198295;
- Dok IZY5 - kopja ta’ zewg ittri ufficcjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex ihallas izda baqghat inadempjanti u ghalhekk kellha issir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta, bl-ingunzjoni tal-konvenuta in subizzjoni.

Il-konvenuta debitament notifikata baqghat ma dehritx u lanqas ipprezentat risposta ghat-talba mitluba kontriha.

Dehret Simone Wrightman ghas-socjeta' attrici li fil-25 ta’ Marzu, 2015 ikkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont ta’ disa’ mija u erbgha u erbghin ewro u sebgha u sittin centezmu (€944.67) ghadu dovut.

It-Tribunal ra ‘lli ma giet ipprezentata ebda risposta.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-ammont mitlub huwa dovut. Ghalhekk jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas l-ammont ta’ disa’ mija u erbgha u erbghin ewro u sebgha u sittin centezmu (€944.67) liema ammont jithallas b’rati mensili ta’ hamsin ewro (€50) fix-xahar. L-ewwel pagament ikun fit-30 ta’ April, 2015.

Bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenuta.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------